

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.4780 — WL Ross/C&A Automotive Interior Businesses)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2007/C 188/07)

1. Fid-19 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika dwar konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha d-ditta WL Ross (l-Istati Uniti) permezz ta' International Automotive Components l-Amerka ta' Fuq, International Automotive Components Group il-Brażil u permezz ta' International Automotive Components Group LLC (flimkien "IAC") takkwista l-kontroll ta' ċerti assi tal-Korporazzjoni C&A ("C&A Automotive Interior Businesses") skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriża kkonċernati huma:

— għal WL Ross: fondi ta' ekwiżità privata li permezz ta' l-IAC tipproduċi u tissupplixxi ċertu tagħmir intern tal-karozzi;

— għal C&A Automotive Interior Businesses: manifattura u forniment ta' moduli għal kabini ta' l-ajruplani, pannelli għall-istrumenti, tapizzerija u xogħol ta' pavimenti u sistemi għall-akustika.

3. Fl-eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-konċentrazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali fuq dan il-punt hi riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skond il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru. (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4780 — WL Ross/C&A Automotive Interior Businesses, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.